**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 9 ta' Lulju 2020**

**Talba Nru: 297/19 CZ**

**Raymond Cuschieri**
**vs.**

**Clive Parnis**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur imressqa fid-9 t'Ottubru 2019 li biha premetta:

1. Illi l-attur jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess attur is-somma ta' elf u ghoxrin Euro (€1,020), rapprezentanti bilanc ta' somma akbar in kwantu ghal prezz (inkluz il-VAT) ta' xoghlijiet u materjali ta' elettriku u *plumbing* kif ukoll *finishes* imwettqa mill-atur fl-appartament fi-Blokk 51A, Triq Cejlu Tonna, Mosta u dan skond ma jirrizulta mill-kont u zewg fatturi hawn annessi u mmarkati bhala Dok. RC1 sa Dok. RC 3 rispettivament u dan fuq inkarigu tal-konvenut stess.

2. Illi minkejja li l-konvenut gie debitament interpellat huwa naqas milli jwettaq il-hlas dovut, u dana kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

   Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tas-17 ta' Mejju 2019, u bl-imghaxijiet legali fuq is-somma precitata sal-hlas effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issaingunt ghas-subizzjoni.

Illi l-konvenut permezz ta' risposta mressqa fit-30 t'Ottubru 2019 eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok rigward l-ammont ta' hames mija u erbgha u tmenin Euro u ghaxar centezmi (€584.10) dan l-ammont mhwiex qieghed jigi kkontestat u diga' gie ddikjarat li dan l-ammont ser jithallas diment li tinhareg invoice u l-konvenut jinghata l-ircevuta fiskali relattiva skond il-ligi, kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;
2. Illi fir-rigward tal-ammont l-iehor u cioe' l-ammont ta' €435.65 mitlub mill-attur in kwantu VAT allegatament dovut fuq l-ammont ta' elfejn, erba' mija u ghoxrin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2,420.25), il-konvenut jeccepixxi li tali ammont mhuwiex dovut in kwantu l-imsemmi ammont ta' €2,420.25 hu l-ammont shih, inkluz il-VAT, maqbul bejn il-partijiet u gia' mhallas mill-konvenut ghax-xoghol imwettaq u materjal supplit mill-attur, u dan hekk kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Bl-ispejjez.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda ta' l-attur[1], Victor Parnis[2], Clive Parnis[3].

Ra n-nota bid-dokumenti esebiti mill-attur prezentata fl-20 ta' Jannar 2020, u nota ohra b'dokumenti prezentata mill-attur fl-4 ta' Marzu 2020.

Sema' t-tratazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi l-attur xehed illi huwa ghamel xoghol ta' tibdil fis-sistema tal-elettriku tal-appartament tal-konvenut, peress li dan tal-ahhar xtaq jaghmel tibdil fl-appartament li xtara u li kellu gia' is-sistema tal-elettriku u l-madum lesti. Ta stima lill-konvenut, li giet esebita a fol. 3 tal-process, li kienet stima ta' elfejn, erba' mija u ghoxrin Euro u hamsa w ghoxrin centezmu (€2,420.25), eskluz il-VAT. Il-konvenut kellu bzonn ukoll iqiegħed madum ta' daqs ikbar minn dak li kien ser jitqieghed originarjament mill-venditur tal-appartament, u ghal dan gie inkarigat ukoll l-attur, li hareg kont ghad-differenza li kellha tithallas bejn it-tqeghid tal-madum tad-daqs originali u t-tqeghid tal-madum tad-daqs ikbar. Din l-istima kienet tammonta ghal erba' mija u hamsa u disghin Euro (€495) VAT eskluza.

[1] Fol. 13 u kontro-ezami a fol. 26
[2] Fol. 29
[3] Fol. 37

Illi l-attur ghamel din il-kawza peress li qed jallega li dwar il-kont tat-tibdil fis-sistema tad-dawl baqaghlu jithallas ghat-taxxa fuq il-valur mizjud, filwaqt li baqaghlu jithallas ukoll ghat-tqeghid tal-madum, u cioe' kemm ghas-servizz u kemm ghat-taxxa fuq il-valur mizjud. In kontro-ezami, l-attur meta mistoqsi kienx jaqbel illi l-ammont tal-ewwel quotation kien jinkludi wkoll il-VAT, ma qabilx. L-attur thallas fis-26 ta' Marzu 2018, u cioe' ircieva c-cheque ta' €2,420.25, u dan ic-cheque issarraf. Mistoqsi ghaliex kien accetta l-hlas bic-cheque appena msemmi u ma talabx il-bqija (il-VAT) lill-konvenut, l-attur qal li f'dak l-istadju kien baqaghlu iwahhal il-plugs, u hadd ma jtik il-flus ta' kollox jekk ma jkollhomx kollox. Mistoqsi ripetutament in kontro-ezami jekk kienx qal lill-konvenut li kien baqa' tithallas il-VAT, l-attur wiegeb li l-konvenut kien jaf b'dan. Mistoqsi jekk tkellux dwar VAT fil-mument tal-hlas, qal izda li dwar VAT ma tkellmux. In ri-ezami qal li l-konvenut qatt ma kitiblu jew staqsieh biex il-hlas ta' €2,420.25 ikun ghas-saldu.

Illi <u>Victor Parnis</u> qal li kien prezenti dak il-hin li ibnu l-konvenut wasal biex ihallas lill-attur ghax-xoghol. Apparti li kien induna li kien hemm xi pipes li ma kinux tal-kwalita' miftehma, il-konvenut qabad u hallas b'cheque is-somma ta' €2,420.25 u dak il-hin ma ssemma xejn mill-ebda naha dwar jekk kienx ghad hemm VAT dovuta fuq dan l-ammont. Fiz-zmien li kien se jsir ix-xoghol ta' tibdil, il-konvenut qal lix-xhud (missieru) li x-xoghol kien ha jigi €2,420 ta' kollox, u l-missier qallu biex imexxi. Il-konvenut izda ma weriex l-istima lil missieru. Ix-xhud qal li l-attur qatt ma semmielhom li baqa' tithallas xi VAT.

Illi <u>l-konvenut</u> xehed illi ma kienx kuntent b'xi xoghol tal-attur ghaliex kien ghamillu pipe tad-drain li ma kienx tal-hxuna miftehma. Missier il-konvenut heggeg lill-konvenut biex ihallas lill-attur halli jaqtghu minn mieghu, u l-konvenut hareg cheque ta' €2,420. L-attur qallu li 'ehe dak huwa l-ammont', accetta c-cheque u telaq 'l hemm. Wara dan, il-konvenut, minkejja li ma riedx li l-attur jahdimlu iktar, kellu skond hu jerga' jdahhlu sabiex iwahhal il-madum, minhabba li l-bejjiegh tal-

appartament ried li jkun hemm kuntrattur wiehed ghall-blokka shiha. Ghalhekk il-konvenut rega' dahhal lill-attur jahdem sabiex iqieghed il-madum, li hu nzerta ghazlu ikbar minn dak li kien pjana ghalih il-bejjiegh. Bejn meta l-attur ha c-cheque imsemmi u bejn meta rega' mar sabiex iqieghed il-madum, lahqu ghaddew ix-xhur. In kontro-ezami xehed illi l-istima irceviha b'e-mail, u wara li rceviha, cempel lill-attur.

Illi din il-kawza tipprezenta kaz klassiku ta' ezami ta' kredibilita', primarjament tal-partijiet infushom. Min-naha l-wahda hemm l-attur li qed jinsisti li ghamel stima li kienet turi b'mod car u bil-miktub li l-VAT hija eskluza u ghaldaqstant qed jippretendi l-hlas tal-VAT ukoll. Min-naha l-ohra hemm il-konvenut li nsista li l-partijiet ftehmu li l-hlas tax-xoghol kellu jkun is-somma miktuba fizikament fuq l-istima minghajr ebda somma ohra mizjuda bhala VAT.

Illi t-Tribunal kellu l-opportunita' jara x-xiehda jaghtu x-xiehda taghhom u jifli l-kuntest tar-relazzjoni ta' bejn il-partijiet. Wiehed irid jinnota illi l-attur ma kienx xi kuntrattur li solitament il-konvenut kien jahdem bih, izda semplicement sar jaf bih ghaliex il-bejjiegh tal-appartament li kien ha jixtri minghandu kien qed juza s-servizzi ta' dan il-kuntrattur partikolari, u ried li x-xoghol isir kollu minn dan il-kuntrattur, inkluz fl-appartamenti l-ohra tal-blokka, biex ix-xoghol ikun uniformi. Illi dan qed jinghad biss ghax iservi ta' kuntest ghall-vertenza in kwestjoni, izda l-qofol ta' kollox huwa, b'referenza ghax-xoghlijiet tad-dawl, jekk l-ammont mitlub kienx biss €2,420.25 jew inkella kellux ikun dak l-ammont flimkien mal-VAT.

Illi t-Tribunal osserva s-segwenti:

Meta waslu sabiex isir il-hlas, il-konvenut ta c-cheque ta' €2,420 lill-attur, li min-naha tieghu ha c-cheque, ma qal xejn, la dak il-hin stess li rcieva c-cheque u lanqas wara, u sarrfu.

Illi l-ammont imnizzel fic-cheque jammonta ghall-ammont preciz indikat fl-istima, bil-VAT eskluza. Il-konvenut jallega li huwa kien cempel lill-attur biex jghidlu li kien ha jhallas l-ammont biss ta' €2,420 u ghalhekk talbu biex ikun dan l-ammont li jithallas, u mhux dak l-ammont flimkien mal-VAT.

Illi meta waslu ghall-hlas infatti, ic-cheque li nghata (ghalkemm lit-Tribunal ma ntwerietlux kopja ta' dan ic-cheque) kien ta' €2,420 skond l-istima li hareg l-attur, ghalkemm l-istima kienet tindika li l-VAT hija eskluza.

Illi l-attur jallega li l-hlas li sar ta' €2,420 kien biss hlas akkont u mhux ghas-saldu ta' kull pretensjoni. It-Tribunal izda jirrizultalu mod iehor. Meta hallas dan l-ammont il-konvenut, l-attur min-naha tieghu ma pprotesta ruhu bl-ebda mod talli ma thallsitx il-VAT. L-attur kien jaf li dak il-hin il-konvenut kien qed ihallsu sabiex jikkonkludu l-hlasijiet fuq it-tibdil li sar fis-sistema tad-dawl. Kien f'dan il-punt li messu tkellem l-attur sabiex jippreciza li dak li kien qed jithallas ma kienx kollox.

Illi t-Tribunal inoltre jinnota li l-attur isostni li dan il-hlas kien jirraprezenta hlas akkont. Apparti li ma rrizulta minn imkien li dan il-hlas kien wiehed akkont, (anzi mix-xiehda tal-konvenut u missieru irrizulta l-kuntrarju), it-Tribunal jinnota illi mhuwiex solitament normali li wiehed ihallas somma akkont f'ammont dettaljat daqs dak li hallas il-konvenut, u b'mod specifiku €2,420.25, bic-centezmi b'kollox. Hlas akkont normalment jinqata' bhala somma tonda u l-bilanc bic-centezmi (jekk ikun il-kaz) jithallas biex jinghalaq il-kont fl-ahhar. Ghalhekk, anke li kieku l-konvenut u missieru ma qalu xejn dwar ic-cirkostanza tal-hlas, xorta minna nfisha l-probabilita' turi illi dak il-hlas ma kien akkont xejn. Tant huwa minnu dan illi anke meta mar biex iwahhal il-madum lill-konvenut, xhur wara, l-attur ma semmielu xejn dwar il-VAT li jippretendi li kellu jiehu. Dan ikompli jipponta lejn il-veracita' tal-verzjoni tal-konvenut u mhux bil-kontra.

Illi inoltre, ghalkemm verament huwa car li l-istima maghmula kienet teskludi l-VAT, u l-konvenut ikkonferma li din irceviha, dan ma jfissirx li ghaliex harget din l-istima b'dan il-mod, ma setax kien hemm tibdil ta' kundizzjonijiet jew ftehim mod iehor, anke jekk bil-fomm; u f'dan ir-rigward it-Tribunal qieghed aktar jemmen lill-konvenut li xehed li cempel lill-attur sabiex jghidlu li l-ammont ta' €2,420 ghandu jkun ta' kollox, u kien hemm qbil fuq dak il-punt, u dan ghar-ragunijiet imsemmija aktar 'il fuq.

Illi jibqa' ghalhekk il-kont l-iehor relattiv ghat-tqeghid tal-madum, li jammonta ghal €584.10, VAT inkluza. Dwar dan l-ammont il-konvenut wiegeb li huwa dovut, u ghalhekk m'hemmx kontestazzjoni dwaru, hlief ghall-fatt li l-konvenut deherlu li kellu jircievi invoice. It-Tribunal jinnota izda li din tal-ahhar mhijiex raguni tajba bizzejjed sabiex il-konvenut ma jhallasx, u l-konvenut huwa obbligat ihallas lill-attur, ladarba x-xoghol sar skond il-ftehim, anke li kieku l-attur talbu tali hlas bil-fomm; wisq u wisq iktar meta kellu l-kont stampat li skond id-data ta' fuqu jidher li hareg fil-25 ta' Marzu 2019. Dan l-ammont ghalhekk ghandu jithallas.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' t-tieni eccezzjoni u jichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, jilqa' parzjalment it-talbiet tal-attur u jordna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u erbgha u tmenin Euro u ghaxar centezmi (€584.10), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sal-hlas effettiv.

L-ispejjez jithallsu kwantu ghal sitt partijiet minn ghaxra (6/10) mill-konvenut u erba' partijiet minn ghaxra (4/10) mill-attur.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur